MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 19/2006

**Josephine Magro**

**vs**

**Mondial Holidays**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta’ Ottubru, 2006, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta’ l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fit-3 ta’ April 2006 fejn ir-Rikorrenti talbet danni ta’ circa sitt mitt Lira Maltin (Lm600) kif ukoll danni morali minhabba vjagg lejn il-Karibew u Miami li spiccat vittma ta’ Urugan.

L-intimatipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduti.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u Louise Attard (Tour Leader) u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti bbukjat Cruise lejn il-Karibew u Miami minghand id-ditta ntimata u neffqet sitt mitt Lira Maltin (Lm600). Meta waslet il-Karibew kien hemm Urugan u kellha tghaddi erbat ijiem u ljieli f' postijiet degradanti ghall-umani kif ukoll qed jigi allegat li l-intimati kienu jafu bl-Urugan.

2. L-intimat issottometta illi ma kienux jafu bl-Urugan u kellhom ordnijiet mill-Awtoritajiet sabiex jorqdu hemm.

3. It-Tribunal wara li sema' lill-partijiet jinnota li r-Rikorrenti zgur li ma ghandhiex tort ta' li gara u talli ma hadietx gost u talli l-vaganza taghha giet imhassra u min-naha l-ohra trid twiezen il-fatt li l-intimat ma kienx jaf bl-urugan u ghalhekk irid jibbilancja d-drittijiet tal-Konsumatur kif ukoll d-drittijiet tan-negozjant. F' dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jinnota li l-versjoni tar-Rikorrenti hija aktar kredibbli.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-Rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' tlett mitt Lira Maltin (Lm300) bl-ispejjez kontra l-istess intimat.”

Id-ditta intimata appellat minn din is-sentenza bit-talba li din tigi revoka u annullata fuq il-premessa li din kienet tilledi d-dettami tal-gustizzja naturali. Hi tissottometti illi

mill-mod kif koncepita, il-motivazzjoni hi wahda kontradittorja, anke ghaliex it-Tribunal ma offra ebda spjegazzjoni ghaliex hu kien qed iqis aktar kredibbli il-versjoni tar-rikorrenti.  Oltre dan, tikkontendi wkoll illi t-Tribunal naqas li jindika jekk l-ammont minnu likwidat kienx komprensiv ta' danni reali jew danni morali jew tahlita tat-tnejn flimkien;

Fir-risposta ta' l-appell taghha r-rikorrenti tirrinfaccja lid-ditta appellanti bl-eccezzjoni ta' l-irritwalita` u nullita` ta' l-appell in kwantu, skond hi, dan ma jinkwadrax ruhu fid-dispost ta' l-Artikolu 22 (2) ta' l-Att XXVIII ta' l-1994;

Jemergi mill-impostazzjoni ta' l-aggravju illi d-ditta appellanti tiddenunzja n-nullita` tas-sentenza appellata minhabba inosservanza ta' motivazzjoni logika.  Minn naha l-ohra r-rikorrenti appellata tissottometti illi biex il-gudizzju tat-Tribunal jigi ccensurat, l-appell dwaru ghandu jkun impostat fil-limiti stretti stabbiliti mill-artikolu tal-ligi surreferit.  Isegwi minn dak sottomess illi l-Qorti ghandha tivverifika jekk il-kontestazzjoni formulata mid-ditta appellanti tikkorrispondix ghal kaz ta' impunjattiva tas-sentenza skond l-Artikolu 22 (2).  Hu minn ezami ta' din l-impunjattiva li jrid jirrizulta liema hu dak id-dettam ta' gustizzja naturali li qed jigi allegat li gie vjolat mit-Tribunal. Tali ezami jimporta wkoll li jigi ricerkat b' liema mod it-Tribunal iddiskosta ruhu minn dak id-dettam;

Il-Qorti tibda biex tosserva qabel xejn illi skond il-ligi t-Tribunal hu awtorizzat li jippronunzja ruhu "skond kull mertu u gustizzja sostantiva tal-kaz, u skond l-ekwita`" [Artikolu 21 (1)].  Minn dan id-dispost, u wkoll minn dak l-iehor fl-Artikolu 23 (2), jidher wisq evidenti illi t-Tribunal hu zvinkolat mill-osservanza rigoruza, kemm tad-disposizzjonijiet tad-dritt procedurali kif ukoll tad-dritt sostanzjali, salv s' intendi fejn jitratta minn disposizzjonijiet fondamentali ta' ordni pubbliku.  B' danakollu, ghandu jigi wkoll ipprecizat illi d-decizjoni tieghu hi dejjem soggetta ghal kritika fil-kaz ta' vjolazzjonijiet tal-principju ta' gustizzja naturali li jintegraw kawza ta' nullita`;

Premess dan, b' riflessjoni generali jrid jinghad illi l-valutazzjoni tat-Tribunal tal-fatti u tal-provi prodotti mhix censurabbli minn din il-Qorti ta' revizjoni hlief jekk jinstab li tali valutazzjoni ma tkunx sostenuta b' motivazzjoni kongruwa u logika. Jinghad a propozitu illi l-process kellu jiggarantixxi mhux biss smigh adegwat lill-partijiet imma wkoll li huma jkunu jafu r-raguni ghaliex it-talba jew l-eccezzjoni tkun qed tigi michuda jew milqugha. Ara, fost ohrajn, "**Cauchi Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000 u "**Michael Gatt -vs- L-Awtorita` ta' l-Ippjanar**", Appell, 19 ta' Novembru 2001. Din il-Qorti elaborat din it-tematika fis-sensiela ta' decizjonijiet taghha tal-lum stess u fejn il-fatti huma tista' tghid ghal kollox identici ma' dawk tal-kazijiet prezenti fil-konfront tad-ditta appellanti. Ara "**Mary Zarb -vs- Emma Azzopardi *nomine***", kontestwalment deciza. A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti tirreferi ghall-kunsiderazzjonijiet zvolti f' din is-sentenza u taghmilhom applikabbli ghal din ukoll;

Gie, *inter alia,* osservat f' dik id-decizjoni l-ohra illi meta l-gudizzju ma jirriflettix kif jixraq l-impronta tar-razzjonalita`, kemm ta' fatt kif ukoll ta' dritt, dak il-gudizzju jippekka minn lezjoni ta' principji tal-gustizzja naturali. Dan sew procedurali, kemm sostantiv. Hekk allura ma jistax jinghad li tkun saret dik il-gustizzja sostantiva li jippreskrivi l-Artikolu 21 (1) tal-Kapitolu 378 jekk id-decizjoni iggib kundanna ghal danni inkonsistenti mal-provi akkwiziti kemm fuq il-livell fattwali kif ukoll dak legali;

Dan kollu qed jigi rilevat in kwantu, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, ma jidherx li r-ragonament tat-Tribunal jista' jitqies verament logiku. L-*iter* segwit minnu jidher, bir-rispett dovut, li hu wiehed kontradittorju u non-konsegwenzjali. Ghax jekk inhu veru, u effettivament accettat, illi d-ditta appellanti ma kienetx konsapevoli li fid-destinazzjoni tal-vaganza kien ser jahkem l-uragan "Frances", x' tort jista' jkollha din li l-forza irresistibbli ta' dak l-avveniment irrovinat in parti l-vaganza tar-rikorrenti. Lanqas tista' mbaghad fil-kaz in ispecje tigi ammessa b' raguni, ir-rikorrenza li t-Tribunal jaghmel ghas-solita formula sterjotipata illi "f' dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jinnota li l-versjoni tar-rikorrenti hi aktar kredibbli" u bla

ma, fl-istess waqt, iforni spjegazzjoni plawsibbli u intelligenti l-ghala dan kien ghalih hekk il-kaz. Il-logicita` ta' dan il-perkors ghal din il-Qorti hi *non sequitur* u dan hu bizzejjed biex jinficja d-decizjoni moghtija u jirrendiha invalida. Ara "**Rose Loftus *et* -vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co Ltd)**", Appell mit-Tribunal ghal Talibiet tal-Konsumaturi, 9 ta' Lulju 1999;

Mhux il-kaz li din il-Qorti tiddilunga zzejjed aktar mill-kunsiderazzjonijiet maghmula u dawk l-ohra traccjati minnha fis-sentenza "Zarb -vs- Azzopardi *nomine*" aktar 'il fuq riferenzjata. Li forsi tista' zzid ma' dawn hi r-riflessjoni li ssegwi in tema ta' danni fil-kazijiet tax-xorta proposta mill-appellata bl-azzjoni taghha, anke ghaliex id-ditta appellanti ma naqsetx milli tqajjimha bit-tieni ilment taghha;

Jidher li f' bosta gurisdizzjonijiet illum hu ammess in linea ta' principju illi l-vjaggatur jew turist ghandu azzjoni ghad-danni meta l-vakanza tieghu tigi rovinata u jinstab li ma kellux it-tgawdija shiha tal-vjagg organizzat ghal skop ta' sfog jew mistrieh. Hu accettat li tali danni huma strettament ta' indoli morali in raguni ta' l-istress subit u tal-qaghda dizagjata. Dan kif rikonoxxut ukoll mill-Qorti tal-Gustizzja ta' l-Unjoni Ewropeja fid-decizjoni taghha tat-12 ta' Marzu 2002 in re: "**Simone Leitner -vs- TUI Deutschland GmbH & Co. KG**", (Kaz C - 168/00). Naturalment, irid dejjem jirrizulta li d-danni huma derivanti minn inadempjenza u dik l-ezekuzzjoni hazina tal-prestazzjoni mill-organizzatur tal-vjagg. Dan, f' dan il-kaz u kif fuq manifest ma nstabx li hekk issuccieda. Attiz imbaghad li d-danni huma ta' natura morali u mhux ukoll materjali jew ekonomici, f' kull kaz lanqas seta' jinqabez il-massimali ta' mitt lira prevvist fl-Artikolu 21 (2) ta' l-Att ghal dawn l-ispeci ta' danni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi billi tilqa' l-appell u thassar u tannulla s-sentenza appellata, billi tichad it-talba tar-rikorrenti appellata. Hu xieraq li fic-cirkustanzi tal-kaz l-ispejjez kollha gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------